**10 ta' April, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Deguara

*versus*

Emma *sive* Emmanuela Gatt

## Appell – Appell Inċidentali – Malleverija

*Fl-atti jeżistu nota ta' l-Appell u petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuta iżda mhux ta' l-atturi u allura dak hu l-appell. L-atturi appellati ppreżentaw biss risposta ta' l-appell li fiha għamlu appell inċidentali u li ma jistax ikun ħlief appell inċidentali. Il-fatt li l-atturi talbu riforma tas-sentenza appellata jew li għamlu talbet ad hoc ma jbiddilx il-fatt li l-appell tagħhom huwa wieħed inċidentali.*

*Appell inċidentali jimxi 'l quddiem mingħajr il-ħtieġa ta' malleverja.*

*Is-sottomissjoni ta' l-Aġent Reġistratur li l-appell inċidentali ta' l-atturi mhux appell inċidentali hi għalhekk assolutament infondata fil-liġi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att ta' ċitazzjoni ta' l-atturi ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha ħuma premessi d-dikjarazzjonijiet

neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-konvenuta qiegħda tiddetjeni mingħajr ebda titolu l-fond 55, Triq il-Kappuċċini, Kalkara, għar-raġunijiet li hemm spjegati fid-dikjarazzjoni u kif jista' jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

Premess li l-konvenuta ilha tiddetjeni l-istess fond mingħajr titolu sa mis-16 ta' Awissu, 1959 stante li kienet skadiet l-enfitewsi temporanea li kienet ġiet konċessa lill-awturi tagħhom mill-proprjetarju li tagħhom l-attriċi hi aventi kawża;

Premess li meta skadiet l-imsemmija enfitewsi sar il-konsildament ta' utili dominju mad-dirett dominju ta' l-istess fond favur l-attriċi kif jidher mid-dikjarazzjoni u mid-dokumenti esebiti u kif jista' jirriżulta aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża;

Premess li l-konvenuta qiegħda tirrifjuta mingħajr raġuni ġusta li tirrilaxxja l-fond favur l-attriċi;

Premess li dan l-aġir tal-konvenuta kkawża danni konsiderevoli lill-atturi;

Talbu għalhekk l-atturi lil dik il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċidi li meta skadiet l-enfitewsi temporanea ta' l-imsemmi fond indikata fid-dikjarazzjoni saret id-devoluzzjoni ta' l-utili dominju tal-fond favur l-attriċi;

2. Tiddikjara u tiddeċidi illi, per konsegwenza, il-konvenuta qiegħda tiddetjeni l-istess fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta tirrilaxxja l-istess fond favur l-attriċi, liema rilaxx għandu jsir *"ope sententiae"*;

4. Tikkundanna lill-konvenuta tiżgombra mill-istess fond;

5. Tiffissa terminu qaisr u perentorju għall-finijiet ta' l-iżgumbrament;

6. Tiddikjara u tiddeċidi li l-konvenuta hi responsabbli għad-danni kollha li sofrew l-atturi u li għad jistgħu jsofru minħabba l-aġir tal-konvenuta;

7. Tillikwida l-istess danni;

8. Tinnomina okkorrendo periti għall-finijiet tal-likwidazzjoni;

9. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont hekk illikwidat;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Jannar, 1985, u l-protest tas-16 ta' Jannar, 1985, bl-interessi legali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn eċċepiet illi l-atturi qabel xejn iridu jagħmlu prova tat-titolu tagħhom, illi l-esponenti ma kinetx parti fil-kawża preċedenti u lanqas Gatt ma ġiet interpellata għar-rilaxx tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, illi l-eċċipjenti ilha żmien twil tippossjedi mingħajr ma qatt ħadd ippretenda li għandu xi dritt kontra tagħha. b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-12 ta' Jannar, 1988 li biha ddeċidiet il-kawża billi filwaqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta laqgħet l-ewwel ħames (5) domandi attriċi kif dedotti u b'dana li għall-fini tal-ħames domanda ffissat terminu ta' tliet (3) xhur fuq il-konvenuta għalbiex tiżgombra mill-fond 55, Triq il-Kappuċċini, Kalkara, fl-istess waqt u għar-raġunijiet premessi ċaħdet is-sitta, seba', tmien u disa' domandi ta' l-atturi billi ma jirriżultax ippruvati. Il-kap ta' l-ispejjeż għandu jitħallas mill-konvenuta kwantu għall-ewwel ħames domandi, u mill-atturi kwantu għall-aħħar erba' domandi, bid-dritt tar-reġistru jinqasam nofs bin-nofs (50:50) bejn il-kontendenti, u;

*Omissis;*

Rat a fol. 95 in-nota ta' l-appell tal-konvenuta u a fol. 105 il-petizzjoni ta' l-appell tagħha li biha talbet ir-riforma tas-sentenza appellata billi tiġi rrevokata fejn laqgħet l-ewwel ħames talbiet ta' l-atturi u tiġi kkonfermata fejn ċaħdet l-aħħar erba' talbiet ta' l-atturi;

Rat a fol. 115 ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi appellati li biha wara li ddikjaraw li kienu qed jipprevalixxu ruħhom mill-appell prinċipali tal-konvenuta ddikjaraw li kienu qed jappellaw inċidentalment mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-aħħar erba' domandi taċ-ċitazzjoni u kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż f'dik il-parti fejn huma baqgħu sokkombenti, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha in kwantu akkoljiet l-ewwel ħames domandi

tagħhom u tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-aħħar erba' domandi u hekk tirrimetti l-proċess lill-ewwel Qorti sabiex isiru l-provi u tingħata sentenza fuq dawk l-erba' domandi. Issottomettew ukoll li kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż, is-sentenza għandha tiġi kkonfermata, in kwantu kkundannat lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż ta' l-ewwel ħames domandi u għandha tiġi revokata għall-kumplament u għalhekk il-konvenuta tiġi kkundannata tħallas l-ispejjeż taż-żewġ istanzi fuq l-erba' domandi l-oħrajn;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Marzu, 1989, li minnha jirriżulta li billi f'seduta preċedenti kienet qamet kwistjoni dwar il-kawtela ta' l-appell fil-kopertina tal-proċess deher l-Aġent Reġistratur tal-Qrati Superjuri u fuq domanda tal-Qorti ssottometta li f'dan il-każ partikolari l-appell inċidentali huwa fil-fatt appell regolari u għalhekk jeħtieġ li jkun hemm il-kawtela u talab li l-Qorti tagħti sentenza fuq dan il-punt;

Rat li mill-istess verbal jirriżulta li din il-Qorti ddifferiet il-kawża għad-deċiżjoni fuq dan il-punt;

Rat l-atti relattivi;

Ikkunsidrat:

Illi s-sottomissjoni ta' l-Aġent Reġistratur li l-appell inċidentali ta' l-atturi mhux appell inċidentali fil-fehma tal-Qorti hi assolutament infondata fil-liġi. Infatti fl-atti jeżistu nota ta' l-appell u petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuta iżda mhux ta' l-atturi u allura dak hu l-appell. L-atturi appellati ppreżentaw biss risposta ta' l-appell li fiha kif ingħad għamlu appell inċidentali u li ma jistax ikun ħlief appell inċidentali. Il-fatt li l-atturi talbu riforma tas-sentenza appellata jew li għamlu talbiet *ad hoc* ma

jbiddilx il-fatt li l-appell tagħhom hu wieħed inċidentali;

Issa kif ġie deċiż minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru, 1983, *in re:* Francis Sultana *vs* Kontrollur tad-Dwana'' fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza li tmur lura sa ''Mizzi Galea'', deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 1894 l-appell inċidentali jimxi 'l quddiem mingħajr il-ħtieġa ta' malleverija;

Għal dawn il-motivi tiddirimi l-kwistjoni billi qabel xejn tiddikjara li l-atturi għandhom biss appell inċidentali u li l-istess appell inċidentali ma jeħtieġx malleverija. L-ispejjeż relattivi, għal din id-deċiżjoni jiġu sopportati mill-Aġent Reġistratur ta' dawn il-Qrati.